MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 1045/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**v**

**OMISSIS**
**MARIO BARBARA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO BARBARA** ta' ghoxrin sena bin Frans u Margaret nee Barbara, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 1984 u residenti 74, Triq Raymond Caruana, Gudja, detentur tal-karta tal-identita numru 74384M gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli matul l-perjodu ta' bejn l-hdax ta' Novembru 2004 w it-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 irrenda ruhu komplici ma David Vella u cioe billi ha sehem sabiex jigu kommessi r-reat fuq imsemmija u cioe sabiex jigi kkunsmat serq aggravat minn diversi vetturi kif imsemmi f'diversi bnadi fil-Gzejjer ta' Malta, billi xjentement assista b'xi mod lil David Vella;

2. talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet, pubblikament xewwex persuni ohra u cioe lil David Vella sabiex jikkommetti reat u jew jikser xi dispozizzjoni tal-ligi;

3. talli matul l-istess perjodu imsemmi f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, xjentement laqgha ghandu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew indahal sabiex jbieghhom jew imexxihom diversi oggetti u cioe apparat tal-Hi Fi u stereos tal-vetturi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Mario Barbara kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004.

Illi f'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni talbet separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront taz-zewg imputati u talbet lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat Mario Barbara.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat Mario Barbara wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat Mario Barbara, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena:

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif registrat fl-atti nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 fil-presenza tal-Avukat Difensur taghhom u cioe waqt li l-akkuzi gew mahlufa fil-konfront tieghu.

Il-Qorti hadet wkoll in konsiderazzjoni dak li l-Prosekuzzjoni vverbalizzat fis-seduta tal-ewwel ta' Dicembru 2004 u cioe li l-imputat kkopera bis-shih mal-Pulizija tul l-investigazzjoni kollha u li sahansitra ta xi nformazzjoni dwar xi reati ohra.

Rat wkoll li r-res furtiva giet migbura kollha u mghodijja lil Prosekuzzjoni sabiex eventwalment tigi rritornata lis-sid legittimu taghha.

Rat il-fedina penali tieghu kif esibita fl-atti markata bhala dokument A minn fejn jirrizulta li l-imputat instab hati ta' xi reati ta' portata zghira kontra l-Ordinanza tat-Traffiku f'April 2004 fejn gie kkundannat multa ta' hamsa w tmenin lira maltin.

Illi l-imputat Mario Barbara gie akkuzat b'numru ferm izghar ta' akkuza mill-ko-akkuzat David Vella.

Illi ghalhekk minhabba dawn r-ragunijiet din il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghanda tkun dik ta' piena karcerarja sospiza sabiex din il-piena jkollha effett ta' mannara mdendla fuq ras l-imputat u li jkollha l-effetti taghha f'kaz li l-istess imputat jiddecidi li jikkommetti reat iehor li ghalih piena ta' prigunerija f'kaz ta' htija fiz-zmien tas-sospenzjoni tal-piena.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artkoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 41(a), 42, 43, 44, 45, 69, 70, 261, 263, 267, 271(g), u 279(b), 325, 325(a), 344, 280, 281, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat MARIO BARBARA hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddikundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat lil imputat l-import ta' din s-sentenza li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------